**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 16**

3 ta' Ġunju 2025

Is-sittax (16)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

ASSENTI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

16.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

16.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

16.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

16.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-erbatax (14)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

16.2.2. Il-Viċi Sindku JAE ressaq korrezzjoni ta' materja nru 14.12.4 li għandha taqra "Reġjun Port".

16.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, SSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

16.2.4. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-ħmistax (15)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

16.2.5. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, SSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

16.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

16.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-konsulenti tal-Kunsill, ADI Associates, li kienu qed jipproponu rati ġodda għall-konsulenza tagħhom.

**Nota: 17:23 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

16.3.1.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jaċċetta r-rati tal-weekly planning reviews u tal-planning reviews iżda Nelfrattemp qabel li għandu jitlob ukoll kwotazzjonijiet oħra minħabba li ż-żieda kienet waħda sostanzjali.

16.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Port fejn informaw b'safra li għaliha huma mistiedna jattendu s-sindki fejn ir-Reġjun Port kien ser ikun qed iħallas l-ispiża tat-titjiriet. Il-Kunsill approva l-attendenza tas-sindku kif ukoll li jitħallas is-subsistance allowance hekk kif inhu intitolat għalih skont il-PSMC.

16.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Żanżan Kelma 25 fejn informaw lill-Kunsill b'konkors annwali tal-ispelling bee u talbu li jagħmlu użu mid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

16.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Citadel Insurance fejn ipproponew li jittella' avveniment għall-għoti tad-demm b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

16.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-MHSE fejn talbu li l-Kunsill jirrikonsidra r-rati tal-iscaffolding li qed jintrama' fi Triq Vincenzo Dimech peress li dan qed jintuża għall-proġett nazzjonali. Is-SE qal li kien talabhom prova li dan kien proġett nazzjonali u li kien talab lill-avukat għall-parir. Il-Kunsill innota dan.

16.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward il-parkeġġ riservat ta' Festivals Malta fi Triq John Lopez fejn Transport Malta issuġġerew li l-Kunsill jerġa' japplika għal parkeġġ riservat għall-użu komunali ta' Blue Badge holders. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jerġa' japplika.

16.3.7. Is-Sindku ressaq talba għall-parkeġġ riservat tal-blue badge fi Triq il-Kapuċċini. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-individwu japplika għal spazju ta' parkeġġ blue badge personalizzat.

16.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Hellenic Society of Malta biex jorganizzaw attività fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V nhar l-20 jew is-27 ta' Settembru 2025.

**Nota: 17:42 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**17:43 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

16.3.8.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jintalab l-ammont ta' €800 skont il-byelaw preżenti.

16.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand żviluppatur li kien qed jirrifjuta li jħallas il-permess tal-iscaffolding minħabba li skont hu, ix-xogħol kien qed isir minħabba kwistjoni ta' sigurtà. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-kuntrattur iħallas skont it-tariffi li hemm fil-liġi.

16.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta rigward il-ħin tad-dawl tat-traffic lights.

16.3.10.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien bagħat filmati lill-Transport Malta biex ikun jista' jsir paragun bejn il-ħinijiet ta Vjal il-Biskuttin u dawk ta' Triq Sant'Anna.

16.3.10.2. Huwa kompla billi qal li Transport Malta kienu informawh li l-ħin ta' Vjal il-Biskuttin kien iktar twil minħabba t-trasport pubbliku.

16.3.10.3. Għalhekk il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa magħhom sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni. Il-Kunsill qabel.

16.3.11. Is-Sindku ressaq talba biex jiġi organizzat Ecomarket nhar is-Sibt 18 t'Ottubru 2025 kif ukoll biex jieħdu sehem f'Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jitlob li jitħallas il-permess tas-Sibt.

16.3.12. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Maestro Pirotta fejn offra lill-Kunsill li jsir mini concert għall-prezz ta' €350. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinformah li l-attività qed tiġi ridimensjonata u għalhekk ma kienx ser ikun qed jilqa' din il-proposta.

16.3.12.1. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkuntattja lill-għaqdiet lokali kollha sabiex jara min hu interessat jieħu sehem u x'kienu ser jorganizzaw ħalli jkun jista' jkun hemm allokazzjoni informata għall-ispejjeż.

16.3.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-kuntrattur li ser jaħdem il-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob sample tal-materjal.

16.3.13.1. Il-Kunsill qabel ukoll li nelfrattemp għandu jikteb lir-rappreżentant tar-residenti ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana sabiex jiltaqa' miegħu dwar dan il-proġett.

## 16.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

16.4.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-iskema ta' parkeġġ residenzjali tal-Belt Valletta. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jikteb lil-LESA u jistaqsi dwar iċ-ċifri.

16.4.2. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li jsiru sinjali tat-traffiku aħjar ħdejn il-Grand Hotel Excelsior minħabba li qed ikun hemm ċirkostanzi li n-nies jidħlu wrong way. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

16.4.3. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li ssir rampa in-naħa l-oħra taż-zebra crossing li hemm fi Triq Vincenzo Dimech. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq il-post sabiex jara x'l-aħjar li jsir.

16.4.4. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-attività ta' St Patrick's Day u staqsiet jekk kienx hemm rendikont tal-ispejjeż li kienu saru. Is-Sindku qal li għandu jieħu ħsieb jiċċirkola rendikont fil-jiem li ġejjin.

16.4.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-korrispondenza li kien irċieva l-Kunsill fejn kien hemm proposta biex isir investiment f'xi outdoor gym jew bandli. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill jinforma lill-iskola u jistaqsi jekk kellhomx bżonn xi bandla. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li l-kunsilliera responsabbli mill-edukazzjoni għandha tieħu din il-materja f'idejha u tikkomunika mal-partijiet involuti.

16.4.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta rigward is-servizzi li qed joffru lill-anzjani u informat li kienet qed tipprova tagħmel kuntatt ma' min kien bagħat il-korrispondenza iżda ma kienx qed ikollha tweġiba. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika magħha is-SE biex il-korrispondenza tkun għaddiet ukoll mill-imejl uffiċjali tal-Kunsill.

16.4.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal tfajla li kienet qed tipparteċipa f'konkors u wriet ix-xewqa li tiltaqa' mas-Sindku. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjaha sabiex tiġi ffissata laqgħa.

16.4.8. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba biex isir dawl temporanju fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jesplora x'jista' jsir.

16.4.9. Il-Kunsilliera SSH informat lill-Kunsill li kienet bagħtet lill-kuntrattur tas-soft areas biex jitnaddaf il-ħaxix tat-taraġ.

16.4.9.1. Is-SE informa li kien bagħat lill-kuntrattur biex isir it-taraġ ta' Haywharf u qal li għandu jerġa' jibgħat tfakkira.

16.4.9.2. Is-Sindku qal li hemm ukoll ħafna bankini li fuqhom kien kiber ammont ta' ħaxix ħażin. Huwa qal li kien talab lill-ħaddiema tal-Kunsill li min-naħa tagħhom kienu bdew ineħħu l-ħaxix mill-fili.

16.4.10. Il-Kunsilliera SSH ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku għall-fatt li ntbagħtet ittra tal-Kunsill flimkien mal-invit tal-Fsobians Club. Is-Sindku qal li dan kien sar biex tiġi iffrankata l-posta iżda skuża ruħu jekk kien hemm nuqqas.

16.4.11. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għat-tabella ta' Haywharf u staqsiet jekk din kienitx ġiet ordnata. Is-SE informa li din kienet ġiet ordnata.

16.4.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-mobile toilets li jitpoġġew Taħt il-Forka ta' kull Sajf. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet għall-mobile toilets.

16.4.13. Il-Kunsilliera JP talbet lill-Kunsill sabiex jgħaddilha kopja ta' imejl li ntbagħtet fl-email ġeneriku tal-Kunsill minn persuna li tieħu ħsieb il-qtates f'żona partikolari minħabba li l-persuna in kwistjoni ma kienitx ikkupjatha.

16.4.14. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-pulizija tal-komunità u xtaqet tirringrazzjahom tax-xogħol li qed jagħmlu. Hija kompliet billi qalet li meta jkun hemm ilmenti fuq l-iskart, kienu qed imorru fuq il-post u jitolbuhom idaħħlu l-boroż lura ġewwa.

16.4.14.1. Is-Sindku qal li dan kien inaċċettabbli minħabba li l-Pulizija kellhom kull dritt iħarrku meta jkun hemm abbuż. Huwa qal li dan kien neċessarju biex il-poplu jitgħallem u biex finalment jibda' jonqos dan l-abbuż.

16.4.15. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-infestazzjoni tal-ġrieden u staqsiet kienx hemm xi risposta. Is-SE qal li l-Kunsill kien ġie mitlub informazzjoni ta' fejn hu l-fond iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

16.4.16. Il-Kunsilliera JP informat lill-Kunsill li kienet qed issegwi l-materja tal-ispralli mkissrin li hemm fil-madwar iżda sa dakinhar jidher li kien għad m'hemmx żvilupp rigward dan.

16.4.17. Il-Kunsilliera JP informat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mas-surmast u mat-tfal tal-iskola primarja. Hija qalet li kienet qed tikkomunika mal-għalliema wkoll sabiex possibbilment dawn il-laqgħat iwasslu għall-formazzjoni tal-kunsill tat-tfal. Il-Kunsill qabel li din il-materja titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 16.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

16.5.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kienet ser tinżamm laqgħa tas-sottokumitat sottokumitat tar-relazzjonijiet lokali u internazzjonali sabiex ikun jista' jinħatar segretarju ġdid.

16.5.2. Huwa qal li f'din il-laqgħa għandha tiġi diskussa wkoll it-triq 'il quddiem għall-ġemellaġġ fl-Irlanda.

16.5.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-ġimgħa ta' wara kellha tinżamm laqgħa tas-sottokumitat iżda minħabba ċ-ċirkostanzi li nqalgħu, din il-laqgħa ma kienitx ser tinżamm minħabba li jaf ikun hemm membru tas-sottokumitat li jinħatar membru tal-kunsill.

**Nota: 18:26 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

16.6.1. Il-Viċi Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 12/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

16.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JP u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 16.7 EMENDA TAL-BYE-LAW DWAR L-UŻU TAL-FAĊILITAJIET

16.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-abbozz tal-bye law dwar l-użu tal-faċilitajiet li kien ġie ċirkolat mis-SE skont l-emendi u l-proposti li ġew diskussi mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa.

16.7.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinkludi nota li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrevedi r-rati skont in-natura tal-attività.

**Nota: 18:31 Is-Sindku NH irritorna għal-laqgħa.**

16.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jibda' l-proċess tal-emenda tal-bye law dwar l-użu tal-faċilitajiet.

## 16.8 AĠĠORNAMENT DWAR KONĊESSJONI GĦAL 'PADEL COURT' FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIVI R-RE ĠORĠ V

16.8.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien talab għall-kwotazzjonijiet tal-feasibility studies u kien hemm żewġ risposti li t-tnejn kienu jammontaw għal eluf kbar t'ewro.

16.8.2. Wara li ddiskuta, is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ espressjoni t'interess bid-dettalji relatati ma' dan il-proġett. Il-Kunsill li għandu jikkonsulta mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jara jekk hux dan huwiex possibbli.

## 16.9 GĦAŻLA TAL-EVALWATURI GĦAT-TENDER TAL-FOOTBALL PITCH KG5

16.9.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien hemm bżonn li jinħatru l-evalwaturi tal-bord sabiex tkun tista' tiġi evalwata s-sejħa għall-offerti tal-piċċ tal-futbol fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

16.9.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara x'fondi hemm fil-UIF Funds sabiex dawn jintużaw għal proġetti ġodda. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob għal rendikont tal-fondi ezistenti.

16.9.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-evalwaturi jkunu is-Sindku NH, il-Viċi Sindku JAE u l-Kunsilliera JP.

## 16.10 AED KITS U FIRST AID KITS

16.10.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi qal li matul kors ta' first aid li kien attenda, kienet ġiet diskussa l-importanza u l-bżonn tal-first aid kits u tal-AED kits.

16.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jitlob kwotazzjonijiet għal AED kit. Fir-rigward tal-first aid kit, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jaġġorna l-first aid kit li hemm preżentement ġol-uffiċċju.

## 16.11 Deċiżjonijiet dwar sitwazzjonijiet legali pendenti

16.11.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi stieden lis-SE jagħti rendikont tas-sitwazzjonijiet legali pendenti.

16.11.2. Is-SE qal li l-Kunsill kellu tliet każi pendenti mal-Kurja. Huwa qal li l-Avukat kien irrakkomanda li tintbagħat ittra legali oħra u jekk jibqa' ma jkunx hemm tweġiba, allura l-Kunsill għandu jiftaħ kawża.

16.11.3. Is-SE għamel riferenza għall-każ pendenti tal-Malta Fashion Week tas-sena 2022 u qal li l-Avukat kien qed jistaqsi kif jixtieq li jipproċedi l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'ittra legali.

16.11.4. Is-SE għamel riferenza għar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman fejn kien irrakkomanda li l-Kunsill iħallas €789 bħala kumpens. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiċċirkola r-rapport tal-Ombudsman u jingħata jumejn ċans biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni ta' kif għandu jipproċedi.

16.11.5. Is-SE għamel riferenza għas-sitwazzjoni tal-karozza tal-Kunsill fejn il-Kunsill kellu jikri karozza għal ftit jiem sakemm tissewwa l-karozza iżda minħabba dewmien fit-tiswija, il-Kunsill kellu jassorbi xhur sħaħ ta' spejjeż ta' kirjiet. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Avukat jikteb lill-kumpanija tal-assigurazzjoni kif ukoll lill-kumpanija li ħadet ħsieb it-tiswija biex jinformahom li l-Kunsill kien ser iżommhom responsabbli ta' dawn l-ispejjeż.

## 16.12 Ir-riġenerazzjoni tal-Floriana

16.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li hemm bżonn li l-Kunsill iqabbad persuna biex taħdem fuq dan il-pjan ta' riġenerazzjoni.

16.12.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li hu kien talab laqgħa mal-MSCD kif kien ġie maqbul mill-Kunsill.

16.12.3. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa formali mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta sabiex jiġi diskuss dan il-pjan kif ukoll l-isfidi komuni. Il-Kunsill qabel.

## 16.13 IL-FUNTANA BIL-ĦAMRIJA FI ĠNIEN SIR LUIGI PREZIOSI

16.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ippropona li l-funtana li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V terġa' timtela' bl-ilma.

16.13.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li d-deċiżjoni biex il-funtana timtela' bil-ħamrija kienet ittieħdet a bażi ta' parir li l-Kunsill kien ingħata li ma kienx hemm fondi biżżejjed biex din tiġi rranġata mil-Kunsill.

16.13.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta tas-Sindku u qabel li għandu jitlob stima sabiex jara kemm ser tiġi tiswa biex din titranġa, inkluż il-manutenzjoni u t-tindif regolari tagħha.

16.13.4. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kiteb lil-LESA dwar rimi ta' skart u qal li kienu nformawh li l-individwi jingħataw kontravvenzjoni biss jekk ikunu b'karozza. Huwa qal li dan ma kienx aċċettabbli.

## 16.14 L-HEKK IMSEJĦA GARAXXIJIET FIL-FLORIANA

16.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien tkellem ma' Transport Malta biex jara min għandu awtorità fuq il-garaxxijiet.

16.14.2. Is-Sindku qal li f'każ li ma jkunx hemm żvilupp, ser jieħu ħsieb ikellem lill-Ministru sabiex jara x'jista' jsir.

## 16.15 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

16.15.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:20 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025**

(iffirmati)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv